TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

CCT/121/21/S

Elton-Lee Atkins

vs

Elia Borg Bonaci Ltd

Illum 16 ta' Ottubru, 2024

It-Tribunal,

Ra l-Avviż tat-Talba ta' Elton-Lee Atkins ppreżentata fit-23 ta' Lulju, 2021 u kif ukoll ir-risposta tas-soċjetà Elia Borg Bonaci Ltd. ippreżentata fis-17 ta' Jannar, 2022;

Ra d-dokumenti ppreżentati, sema' lill-partijiet, u kif ukoll ix-xhieda kollha mressqa u s-sottomissjonijiet tal-istess partijiet magħmula waqt is-seduta tat-2 ta' Ġunju 2022;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza hija dwar depożitu fuq kiri ta' sala u *catering* għal tieġ li kellu jiġi pospost darbtejn minħabba r-restrizzjonijiet marbuta mal-pandemija Covid-19;

Illi jirriżulta mill-provi illi t-tieġ ta' Elton-Lee Atkins u Francesca Atkins ġie pospost darbtejn minħabba dawn ir-restrizzjonijiet marbuta mal-pandemija;

Illi wara t-tieni posponiment ir-rikorrenti ddeċidew li jiżżewġu f'data fejn ma setgħux jużaw is-servizzi tas-soċjetà intimata u allura qed jitolbu €1,500 (elf u ħames mitt Ewro), parti mid-depożitu lura minħabba li ma ġewx utilizzati minnhom;

Il-mertu

Il-ftehim bejn il-partijiet sar permezz ta' skrittura datata 30 ta' Mejju 2019, li tirrigwarda *reception* tat-tieġ ġewwa Giardini Lambrosa, kif ukoll skrittura oħra fuq il-kiri tal-post, ukoll datata 30 ta' Mejju 20219. Illi dawn l-iskritturi iffirmati mill-partijiet jitkellmu dwar data taċ-ċelebrazzjoni li kellha ssir fit-13 ta' Marzu 2021;

Illi din il-funzjoni għal raġunijiet ġa msemmija ma seħħitx minħabba r-restrizzjonijiet marbuta mal-pandemija tal-Covid-19;

Illi jingħad, illi ġaladarba l-ftehim jirrigwarda data partikulari, ladarba din il-funzjoni ma seħħitx, għalkemm mhux tort ta' ebda waħda mill-partijiet, allura dan il-ftehim jaqa' u d-depożitu għandu jiġi rritornat lil min ħallsu;

Illi l-klawsola f'din l-iskrittura li tgħid illi d-depożitu ma jistax jiġi rifuż, ġiet annullata ladarba l-funzjoni ma seħħitx, ladarba ma kienx tort tar-rikorrenti;

Illi għalhekk ma teżisti ebda raġuni għalfejn dan id-depożitu m'għandux jiġi rritornat u fil-fatt ir-rikorrenti qed jitolbu s-somma ta' €1,500 (elf u ħames mitt Ewro), minħabba li huma ħadu parti mingħand il-Gvern fi skema li ħarġet appożitament.

Decide

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq spjegati, u wara li ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u fiċ-ċirkustanzi tal-każ, it-Tribunal qiegħed Jaqta' u Jiddeċiedi billi Jilqa' t-talba tar-rikorrenti u Jordna lis-soċjetà intimata Elia Borg Bonaci Ltd. tħallas u tirrifondi lura lil Elton-Lee Atkins is-somma ta' €1,500 (elf u ħames mitt Ewro), u dan fi żmien ġimgħa mil-lum.

It-Tribunal jordna li kull parti tħallas l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru